# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 1 ta' Novembru 2019

**Rikors Numru : 554/2018JPG**

**Kawza Numru : 22**

**MC**

**vs**

**MRC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MC, datat 14 ta' Dicembru 2018, a fol 1 li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti izzewgu f'Malta fit-8 ta' Lulju 1989 (Dok. A);*

2. *Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kunratt ta' separazzjoni ppublikat fis-26 ta' Marzu 2008 in Atti Nutar Nicholas Vella (Dok B) u kif sussegwentement emendat permezz ta' kuntratt datat 6 ta' Novembru 2018, fl-atti tan-Nutar David Joseph Borg (Dok C);*

3. *Illi ghalhekk il-kontendenti ilhom aktar minn ghaxar snin separati de facto u legalment, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;*

4. *Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendent dwar il-manteniment;*

5. *Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn martu l-intimata;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skont il-ligi:-*

1. *Tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-8 ta' Lulju 1989;*

2. *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimata.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi dehret l-intimata minghajr assistenza legali u wara li gew spjegati lilha d-drittijiet legali taghha nformat lill-Qorti illi ma tridx assistenza legali u li ma toggezzjonax ghad-divorzju waqt li ma ghandhiex tbati l-ispejjez (Vide fol 15);

Rat illi fil-verbal tal-11 ta' Lulju 2019, r-rikorrenti ddikjara li huwa lest li jhallas l-ispejjez tal-kawza odjerna. (Vide fol 15);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MC** xehed illi l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Lulju 1989 u kienu ottjenew s-separazzjoni personali fis-26 ta' Marzu 2008 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-

zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda, li llum il-gurnata hija maggorenni. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal cirka ghaxar snin, u li m'hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MRC** xehdet u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tal-attur.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-8 ta' Lulju 1989 (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella, datat 26 ta' Marzu 2008 (vide Dok. B fol 5 et seqq.) li gie emendat fis-6 ta' Novembru 2018 fl-atti tan-Nutar David Joseph Borg (vide Dok C fol ) u ghalhekk jirrizulta li l-partijiet ilhom legalment isseparati ghal aktar mill-erba' snin rikjesti mill-ligi.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre illi jirrizulta sufficjentement pruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-attur irnexxilu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**In vista tad-dikjarazzjoni maghmula mill-attur fil-verbal tal-11 ta' Lulju 2019, il-Qorti tordna li l-ispejjez kollha ghandhom jithallsu mill-attur.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**